MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Numru 1026/2006

Il-Pulizija
(Spettur Trevor Micallef)

vs

Josef Stellini

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 541187M, akkuzat talli:

1. nhar is-6 ta’ Awissu 2006 ghal habta tas-2:00 p.m. f’San Giljan minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkaguna ferita’ ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Emanuel Cauchi detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 835055M u dan hekk kif gie iccertifikat

minn Dr Aoudi Mirna M.D. Dan bi ksur tal-Artikoli 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. rrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrat (Malta) datata 7 ta' Mejju, 2003, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, dan bi ksur tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-istess Emanuel Cauchi u Ivan Bilocca detentur ta' karta ta' identita' numru 514781M sabiex jingurjahom, iddejjaqhom jew jaghmillhom hsara, ghamlilhom ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurjahom b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat fost akkuzi ohra, li kkaguna offiza ta' natura gravi kontra certu Emanuel Cauchi li kkostitwixxa ruhu parte civile f'dawn il-proceduri.

Mill-provi jirrizulta allegat li fil-guranta u hin indikati fl-akkuza sehh battibekk bejn l-parti civile u l-imputat li spicca filli ta' l-ewwel sofra xi griehi kif isemmi c-certifikat mediku li jinsab esebit in atti liema griehi huma serji 'per durata'.

L-imputat gie mixli li kien hu responsabbli li kkaguna dawn il-griehi.

Il-provi però ma jwasslux ghal konvicju stante n-nuqqas ta' identifikazzjoni tal-parti midruba u n-nuqqas tal-produzzjoni tal-persuna li fornixxa n-numru tal-mutur risalenti ghall-imputat.

Kwindi m'hemmx provi li bihom l-imputat jista' jinstab hati.

Ergo tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------